**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 124/06VG**

**Jimmy Casha**

**Vs**

**Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla, Joe Zahra u Charles Chetcuti**

**Illum 12 ta' Gunju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Jimmy Casha fit-28 ta' April 2006 permezz ta' liema jitlob li l-konvenuti Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla, Joe Zahra u Charles Chetcuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' erbat elef u tmin mitt Lira Maltija (Lm4,800), illum ekwivalenti ghal €11,180.99, rapprezentanti xoghol ta' bini li huwa ghamel fuq struzzjonijiet taghhom, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-spejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 18 ta' Frar 2006, kontra l-konvenuti;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti permezz ta' liema jeccepixxu illi: (i) fl-ewwel lok, il-konvenut Silvio Buttigieg ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur billi huwa personalment ma inkariga lill-attur jaghmel ebda xoghol; (ii) f'kull kaz u bla pregudizzju, il-pretensjoni ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-Ligi billi l-ammont pretiz minnu huwa eccessiv u ma huwiex dovut, izda huwa dovut ammont ferm inferjuri;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zahra permezz ta' liema jeccepixxi illi: (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez, billi huwa ma huwiex debitur ta' l-attur; (ii) huwa f'ismu personali ma ghamel ebda kummerc ma' l-attur u ghalhekk qatt ma jista' jigi kkundannat f'din il-kwalità u dana ghaliex il-ftehim illi kien hemm ma' l-attur sar mas-socjetà Zahra Limited; (iii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, is-socjetà Zahra Limited hallset dak kollu illi kien dovut lill-attur skond il-ftehim ta' bejniethom, u l-ammont mitlub f'din il-kawza jikkoncerna xi xoghlijiet illi ghamel l-attur fuq inkarigu dirett mill-konvenuti l-ohra, liema xoghlijiet ma kienux

jiffurmaw parti mill-ftehim bejn l-attur u s-socjetà Zahra Limited; u (iv) l-ammont mitlub huwa eccessiv;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Mejju 2007[1], tat-13 ta' Mejju 2009[2], ta' l-1 ta' Gunju 2009[3] u tat-8 ta' Frar 2010[4] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JC" a fol. 45 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Hank Catania moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2009[5], rat l-affidavit ta' Joseph Zahra esebit permezz ta' Nota pprezentata fis-26 ta' Gunju 2009 a fol. 47 sa' 49 tal-process u rat id-dokument anness mieghu markat Dok. "JZ1" a fol. 50 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Silvio Buttigieg[6] u tal-konvenut Charles Chetcuti[7] moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010 u x-xhieda tal-konvenut Gaetano Abdilla moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Dicembru 2010[8] u tat-28 ta' Frar 2011[9] u semghet ix-xhieda ta' Joseph Zahra moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2012[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JZ1" u Dok. "JZ2" a fol. 84 u 85 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' Lm4,800, illum ekwivalenti ghal €11,180.99, li minnhom Lm700, illum ekwivalenti ghal €1,630.56, skontu huma dovuti lilu mill-konvenut Joe Zahra, u r-rimanenti Lm4,100, illum ekwivalenti ghal €9,550.43, skontu huma dovuti lilu mill-konvenuti l-ohra Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti[11].

Il-konvenut Joe Zahra jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez, billi huwa ma huwiex debitur ta' l-attur; (ii) huwa f'ismu personali ma ghamel ebda kummerc ma' l-attur u ghalhekk qatt ma jista' jigi kkundannat f'din il-kwalità u dana ghaliex il-ftehim illi kien hemm ma' l-attur sar mas-socjetà Zahra Limited; (iii) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, is-socjetà Zahra Limited hallset dak kollu illi kien dovut lill-attur skond il-ftehim ta' bejniethom, u l-ammont mitlub f'din il-kawza jikkoncerna xi xoghlijiet illi ghamel l-attur fuq inkarigu dirett mill-konvenuti l-ohra, liema xoghlijiet ma kienux jiffurmaw parti mill-ftehim bejn l-attur u s-socjetà Zahra Limited; u (iv) l-ammont mitlub huwa

[1] Fol. 20 sa' 22 tal-process.
[2] Fol. 40 u 41 tal-process.
[3] Fol. 43 u 44 tal-process.
[4] Fol. 59 sa' 63 tal-process.
[5] Fol. 37 u 38 tal-process.
[6] Fol. 66 u 67 tal-process.
[7] Fol. 68 u 69 tal-process.
[8] Fol. 71 sa' 73 tal-process.
[9] Fol. 75 u 76 tal-process.
[10] Fol. 86 sa' 88 tal-process.
[11] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2009, fol. 40 u 41 tal-process.

eccessiv. Il-konvenuti l-ohra Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti da parte taghhom laqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) fl-ewwel lok, il-konvenut Silvio Buttigieg ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur billi huwa personalment ma inkariga lill-attur jaghmel ebda xoghol; (ii) f'kull kaz u bla pregudizzju, il-pretensjoni ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-Ligi billi l-ammont pretiz minnu huwa eccessiv u ma huwiex dovut, izda huwa dovut ammont ferm inferjuri.

L-attur jikkontendi li huwa gie inkarigat jesegwixxi xoghlijiet ta' kostruzzjoni fi proprjetà sitwata l-Qajjenza u gie wkoll inkarigat jesegwixxi xi alterazzjonijiet f'din l-istess proprjetà u li l-ammont minnu pretiz b'dawn il-proceduri jirrapprezenta bilanc dovut ghal xoghol ta' tindif konness max-xoghlijiet ta' kostruzzjoni **u** l-valur ghax-xoghlijiet ta' alterazzjonijiet li gie inkarigat jesegwixxi. Fir-rigward huwa xehed illi *jiena qieghed fix-xoghol tal-bini. Gejt imqabbad mill-konvenut Joe Zahra sabiex nibni sular iehor fuq fond illi ghandu l-Qajjenza, limiti ta' Birzebbugia. It-tlett (3) sulari ta' taht kienu digà lesti, mibnija minn haddiehor. Izda s-Sur Zahra kien qabbadni sabiex nispicca ix-xoghol. Meta lestejt dan is-sular qabbadni naghmel bicca xoghol ohra f'parti ohra tal-bini. Din lestejtha w imbaghad qabbadni biex naghmel alterazzjonijiet u jiena ghidtlu illi dawn jithallsu bil-gurnata. Ghall-alterazzjonijiet jien gejt imqabbad minn Gejtu Abdilla u Charlie Chetcuti. Jiena naf illi l-proprjetà hija bejn tlieta (3) – Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti. Joe Zahra kien il-kuntrattur illi qabbadni sabiex nispicca x-xoghol. Meta bdejna niddiskutu l-alterazzjonijiet kien hemm prezenti s-Surveyor … bl-isem ta' Hank, is-Surveyor ta' Joe Zahra. Peress illi x-xoghol kien jinvolvi hafna hin, xoghol zghir imma trid iggorr kollox bl-idejn, u kont imqabbad ukoll naghmel it-tindif wara li lestejt ix-xoghol. Meta prezentajt il-kont Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti irrimarkawli illi kien gholi. Imbaghad riedu jhallsuni bil-kejl. Dan it-tip ta' xoghol ma jigix imkejjel hekk, il-ghaliex avolja go bicca kamra taghmel bicca xoghol illi jekk taghmilha bil-kejl tigi tiswielek tletin lira Maltin (Lm30), imma meta tqis l-ammont ta' xoghol illi jkun involut bhal per ezempju pram, garr ta' konkos, materjal u affarijiet hekk, allura f'dan il-kaz il-hlas bil-kejl m'huwiex val la pena. … Meta kont ser insaqqaf l-ahhar bicca, Abdilla kien avvicinani u qalli biex naghmel alterazzjonijiet fil-fond ta' taht billi nnehhi gewwa kollu. Dan kien jinvolvi hafna hin. Nehhejtu w ergajt bnejt il-partitions kif qalli Gejtu, però anke hawnhekk donnu rega' bdielu ghaliex baghat lil huh jghidli sabiex il-hajt inressqu xi sitt (6) pulzieri. Dan kien jinvolvi l-hatt tal-hajt kollu u jerga' jimtela. F'dan il-kaz ukoll kont ghidtlu illi dak it-tip ta' xoghol ta' alteration nithallas bil-granet. Però meta jiena pprezentajt il-kont, irrifjutaw illi jhallsuni u ppretendew illi jhallsuni bil-kejl. Kienu Gejtu Abdilla, Silvio Buttigieg u Charlie Chetcuti illi nsistew li nithallas bil-kejl*[12].

Fir-rigward tar-relazzjoni lavorattiva tieghu ma' Joe Zahra u/jew is-socjetà Zahra Limited, l-attur xehed illi *x-xoghol kien tahhulli l-konvenut Joe Zahra. Mistoqsi jista' ikun illi dan kien dejjem qed jagixxi ghan-nom tal-kumpanija tieghu Joe Zahra Company Limited, nghid illi jiena dejjem ittrattajt mieghu direttament u*

[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2007, fol. 20 sa' 22 tal-process.

*personalment. Is-Sur Zahra nafu sew. Gieli hdimt drabi ohra mieghu. Naf però illi meta gieli fatturi, dawn dejjem ikunu ntestati Zahra Limited. Fuq dan ix-xoghol in partikolari Joe Zahra kien hallasni ghal parti minnu. Jiena kont nithallas permezz ta' cheque u gieli ghamilna tpartit permezz ta' konkos. Nista' nikkonferma illi c-cekkijiet dejjem hargu Zahra Limited*[13].

Da parte tieghu l-konvenut Joe Zahra jikkontendi li hu f'ismu personali ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur in kwantu l-inkarigu moghti lill-attur gie moghti lilu mis-socjetà tieghu Zahra Limited. Fir-rigward huwa xehed illi *xi snin ilu Gejtu Abdilla kien avvicina lil Zahra Limited, u dana biex naghmlu xoghol ta' bini fuq site il-Qajjenza. Wara illi rajna l-pjanti tal-klijent, ahna tajnih ir-rati tax-xoghol tal-bini, u wara illi huwa kien qabel ma' dawn ir-rati ahna konna inghatjna l-inkarigu sabiex nibnu s-sit. Fil-bidu Zahra Limited kienet qabbdet lil certu Karmenu Bartolo bhala sub-contractor, li kien bena parti mill-progett izda sussegwentement dan kien waqaf u ghalekk konna qabbadna lil Jimmy Casha biex ikompli x-xoghol. Il-ftehim ma' Jimmy kien illi huwa jkompli l-progett, skond il-pjanti li kellna u li tajnih. … Wara illi kien tlesta xoghol ta' kostruzzjoni, ix-xoghol illi kien ghamel Jimmy skond il-ftehim ta' bejn Zahra Limited u l-istess Jimmy Casha, kien tkejjel, u Jimmy kien thallas tax-xoghol. B'kollox Zahra Limited kienet hallset lil Jimmy Casha is-somma ta' Lm22,225.78, kollox skond ma jidher mill-istatement relattiv hawn anness u markat bhala Dok. "JZ1"*[14] – liema statement, jigi osservat, huwa mahrug minn Zahra Limited. *Jien nghid illi x-xoghol ta' kostruzzjoni dejjem ghamiltu taht Zahra Limited u qatt ma ghamilt din it-tip ta' negozju f'ismi personali. Il-hlasijiet lil Jimmy Casha kollha saru mis-socjetà Zahra Limited*[15].

Fir-rigward tax-xogholijiet ta' kostruzzjoni esegwiti fuq il-proprjetà sitwata l-Qajjenza, il-konvenut Gaetano Abdilla xehed illi *ghal dak li jirrigwarda xoghlijiet fil-livell basement f'din il-proprjetà kienu saru mis-socjetà CJP Limited. Minn street level 'l fuq ix-xoghol kien sar minn Zahra tramite s-socjetà tieghu li jekk niftakar sew jisimha Zahra Limited. Is-socjetà CJP Limited hija proprjetà ta' Joseph Zahra u ta' certu Patrick Dalli. Ix-xoghol li konna qabbadna lil CJP Limited biex taghmel fil-fatt kien biex tibni l-blokka kollha u dan kien sar sabiex Ramel u Zrar Limited tkun tista' tithallas minghand is-CJP ghall-kontijiet li kellha pendenti maghha ghall-fornitura taz-zrar. Ix-xoghol fil-basement kellu valur ta' madwar Lm50,000. F'certu punt Patrick Dalli kien ukoll taghni appartament biex hu wkoll jaqta' sehemu mill-kont. Biex inkun aktar preciz fil-fatt kien taghni maisonette. Joseph Zahra minflok ma hallasni b'forma ohra, baqa' ghaddej hu stess bix-xoghlijiet fuq din il-proprjetà u kien ghalhekk li x-xoghol ma tkompliex minn CJP Limited izda minn Zahra Limited*[16].

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Joe Zahra u ta' Gejtu Abdilla jirrizulta li x-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sit sitwat il-Qajjenza kellhom u fil-fatt gew esegwiti mis-socjetà Zahra Limited. Il-Qorti hija

---

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2009, fol. 40 u 41 tal-process.
[14] Fol. 50 tal-process.
[15] Affidavit ta' Joseph Zahra a fol. 48 u 49 tal-process.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2010, fol 71 sa' 73 tal-process.

daqstant iehor konvinta li r-relazzjoni guridika ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni da parte ta' l-attur kienet bejn l-istess attur u s-socjetà Zahra Limited u mhux bejn l-attur u l-konvenut Joe Zahra f'ismu personali. Ghalkemm in-negozjati saru bejn l-attur u l-konvenut Joe Zahra, mill-provi jirrizulta li l-inkarigu lill-attur inghata minn Joe Zahra fil-kapacità tieghu ta' rapprezentant ta' Zahra Limited u mhux fil-kapacità tieghu personali, fatt dan li fil-fehma tal-Qorti kien a konoxxenza ta' l-attur in kwantu irrikonoxxa li l-fatturi u l-pagamenti nhargu u saru mis-socjetà Zahra Limited.

Fir-rigward huwa pertinenti ferm dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Limited v. Michael Debono et, Citaz. Nru. 1184/01**, deciza fil-21 ta' Marzu 2002: *hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jell dan ma jindikahx espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*[17].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Joe Zahra huma gustifikati u b'hekk jisthoqq limjigu milqugha. Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti tqis li ma huwiex mehtieg li tittratta u tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-imsemmi konvenut u b'hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Il-Qorti se tghaddi issa biex tittratta l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti l-ohra, ossia minn Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles chetcuti u se tittratta l-ewwel l-eccezzjoni li Silvio Buttigieg ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur peress illi hu personalment ma inkariga lill-attur jaghmel l-ebda xoghlijiet.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-proprjetà fejn wettaq ix-xoghlijiet l-attur hi di proprjetà ta' Silvio Buttigieg u Gejtu Abdilla jew tas-socjetajiet taghhom. Jirrizulta wkoll li Silvio Buttigieg *per se* ma inkariga lill-attur jesegwixxi l-ebda xoghlijiet, fatt dan affermat mill-istess attur li waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2007 xehed illi *ghall-alterazzjonijiet,* li effettivament jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proceduri, *jiena gejt imqabbad minn Gejtu Abdilla u Charlie Chetcuti.* L-attur xehed ukoll illi *jiena naf illi l-proprjetà hija bejn tlieta (3) – Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti*[18]. Meta rega' xehed waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2010, l-attur iddikjara li *fuq domanda x'tip ta' ftehim kelli ma' Silvio Buttigieg jiena rrid nghid li qatt ma tkellimt mieghu. Ma' Silvio Buttigieg jiena ftehim qatt ma kelli. Jiena kelli ftehim ma' Gaetano Abdilla dwar ix-xoghlijiet li kelli naghmel fuq struzzjonijiet tieghu u dan il-ftehim kien bil-fomm u kien fis-sens li jiena nithallas bil-granet.*

Dak affermat mill-attur dwar min tah l-inkarigu ghat-twettiq tax-xoghlijiet ta' alterazzjoni gie kkoroborat minn Hank Catania, li fiz-zmien ta' l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet kien Surveyor mas-socjetà Zahra Limited, kif ukoll minn Joe Zahra. Fir-

[17] Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, Citaz. Nru. 1337/90 deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992.
[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2007, fol. 20 u 21 tal-process.

rigward Hank Catania xehed illi *Charles Chetcuti u Gejtu Abdilla kienu staqsew lis-Sur Casha sabiex jahdmilhom bicca xoghol bil-gurnata. Jiena kont prezenti ghal dan id-diskors bhala rapprezentant tal-kuntrattur Joe Zahra sabiex ma jaqbzuhx. Il-binja kienet tezisti digà, izda s-Sur Casha kellu jaghmel xi alterazzjonijiet*[19] u Joe Zahra xehed illi *fil-bidu Zahra Limited kienet qabdet lil certu Karmenu Bartolo bhala sub-contractor, li kien bena parti mill-progett, izda sussegwentement dan kien waqaf u ghalhekk konna qabbadna lil Jimmy Casha biex ikompli x-xoghol. Il-ftehim ma Jimmy kien illi huwa jkompli l-progett, skond il-pjanti li kellna u li tajnih. Waqt illi kienu ghadejjin x-xoghol, il-klijenti u cjoe Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti riedu jaghmlu xi tibdiliet fil-pjanti originali, u l-ftehim kien illi dawn it-tibdiliet Jimmy kellu jithallas direttament minghand il-klijent*[20].

Jirrizulta evidenti ghalhekk li l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni anke fil-konfront tal-konvenut Silvio Buttigieg a bazi tal-fatt li dan Silvio Buttigieg ghandu sehem fil-proprjetà fejn twettqu tali xoghlijiet. Tali bazi però fil-kuntest ta' kuntratt ta' appalt jew xoghlijiet ma tohloq l-ebda relazzjoni guridika u konsegwenti responsabilità ghall-hlas eventwalment pretiz mill-kuntrattur, hekk kif johrog mill-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Formosa noe et noe v. Silvio Felice**, deciza fis-6 ta' Ottubru 1999: *il-kuntratt ta' l-appalt ma jista' jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjetà tal-fond li fih ix-xoghlijiet kellhom jigu, kif fil-fatt gew, esegwiti. … salv prova kuntrarja, ir-relazzjoni guridika li tinholoq bi ftehim ta' appalt kienet wahda personali mhux relatata mal-fond.*

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fis-sens illi l-konvenut Silvio Buttigieg ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur in kwantu qatt ma inkarigah iwettaq xoghlijiet, hija gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi milqugha.

Rinfaccati bil-pretensjoni attrici l-konvenuti Charles Chetcuti u Gejtu Abdilla xehedu bil-mod segwenti:

Charles Chetcuti ddikjara li *jiena nghid li fil-Qajjenza la ghandi proprjetà u lanqas ghandi xi sehem ta' proprjetà hemmhekk. Jiena lanqas ghandi sehem ta' negozju li ghandu x'jaqsam ma' xi proprjetà fil-Qajjenza. Jiena l-involviment tieghi kien semplicement li kont nattendi fuq is-sit waqt li kien qed isir ix-xoghol ghal CJP jigifieri l-kumpanija ta' Joe Zahra. Jiena lill-attur nafu izda jiena personali m'ordnajtlu l-ebda xoghol. Nerga' nghid li l-involviment tieghi kien li nattendi fuq is-sit biex nara li x-xoghol kien qed isir sew. Jiena xogholi kien ta' speci ta' project manager. Jiena qatt ma dhalt responsabbli fil-konfront ta' l-attur ghal xi hlasijiet li kellu jiehu ghax-xoghol li kien jaghmel*[21].

Gejtu Abdilla xehed illi *jiena flimkien ma' ohrajn qieghed fuq konvenju rigward proprjetà il-Qajjenza. Ghalkemm ghadna fuq konvenju jiena kont qabbadt lil*

[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2009, fol. 37 u 38 tal-process.
[20] Affidavit ta' Joe Zahra a fol. 48 u 49 tal-process.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010, fol. 68 u 69 tal-process.

*Joseph Zahra jaghmilli xi xoghlijiet fuq dawn il-plots. Kien hemm okkazzjoni wahda biss fejn kont kellimt lill-attur u dan kien biex iressaqli xi hitan. Dwar dan ix-xoghol konna ftehmna prezz minn qabel u jidhirli li kien madwar Lm500 u jien dan l-ammont kont hallastu. Rigward ix-xoghol li kellu jaghmilli Joseph Zahra dan jinsab imhallas kompletament u l-hlas kien sar b'forma ta' barter billi ahna fornejnih biz-zrar. ... Naturalment apparti r-rati konna ftehmna wkoll fuq il-pjanta dwar kif kellu jsir ix-xoghol. Jiena x'aktarx ghad ghandi kopja ta' din il-pojanta fil-pussess tieghi. Mix-xoghol kollu li kien kontemplat saret alteration wahda li kif ghidt qabel kienet tikkonsisti f'li jressqu xi hitan u li jekk mhux sejjer zball kienu tlett hitan. X'aktarx tnejn f'sular wiehed u l-iehor li sa' dak iz-zmien kien ghadu mhux lest. ... dan ix-xoghol sar kollu minn Jimmy Casha u nerga' ntenni li jiena ta' dan ix-xoghol hallastu*[22]. In kontro-ezami xehed illi *qed nigi mistoqsi jekk nikkonfermax illi l-alterazzjonijiet kollha li qabbadt lill-attur biex jaghmel kienux jiswew Lm500 jiena dan il-fatt nikkomfermah izda ma' dan l-ammont kellu jizdied ukoll il-VAT. Qed nigi muri d-dokument a fol. 45 tal-process u qed nigi mistoqsi x-xoghlijiet indikati fuq dan id-dokument min qabbad lill-attur jaghmilhom, u jiena nghid li m'ghandix ideja. Qed nigi mistoqsi jekk jiena nikkonfermax li x-xoghlijiet sarux effettivament fil-proprjetà tieghi u jiena nghid li ma nistax nirrispondi ghal din id-domanda ghaliex dan il-kont kiena qatt ma rajtu. Jiena nibqa' nsostni li l-unici alterazzjonijiet kienu t-tlett hitan li semmejt fl-ahhar seduta. ... It-tibdiliet li kienu qed isiru fuq il-pjanti tal-proprjetà izda mhux istruzzjonijiet tieghi biss ghax kien hemm nies ohra involuti senjatament Silvio Buttigieg*[23].

Jirrizulta ghalhekk li l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kontradittorji ghal xulxin. Fuq in-naha l-wahda hemm l-attur li jikkontendi li l-konvenuti Abdilla u Chetcuti inkarigawh jesegwixxi xoghlijiet ta' alterazzjoni fis-sit il-Qajjenza u li ghalhekk ghandhom ihallsu ghax-xoghol minnhom kummissjonat, mentri minn naha l-ohra hemm il-konvenuti Abdilla u Chetcuti kategorimanet jichdu li inkarigaw lill-attur jesegwixxi l-alterazzjonijiet formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri u li ghalhekk ma humiex responsabbli ghall-hlas.

F'tali sitwazzjoni issir referenza ghall-principju li *huwa ormai pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli w attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima 'actore non probante resu absolvitur'. ... Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*[24].

---

[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2010, fol. 71 sa' 73 tal-process.
[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2011, fol. 75 u 76 tal-process.
[24] Maria Xuereb et v. Clement Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.

Applikat dan il-principju ghall-fattispecie tal-kaz in ezami, il-Qorti hija konvinta li huwa iktar kredibbli l-attur milli l-konvenuti Abdilla u Chetcuti u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) fl-ewwel lok, dak affermat u pretiz mill-attur, u cioè li l-konvenuti Abdilla u Chetcuti inkarigawh jesegwixxi xoghlijiet ta' alterazzjoni fis-sit il-Qajjenza ghal liema xoghlijiet huma responsabbli ghall-hlas huma, jinsab korroborat minn Hank Catania[25] u minn Joe Zahra[26], hekk già iktar 'l fuq osservat; u (ii) dak affermat mill-konvenuti fix-xhieda li taw quddiem il-Qorti ma huwa bl-ebda mod rifless fl-eccezzjoni li taw ghat-talba attrici. In effetti ghat-talba attrici l-konvenuti in kwistjoni sollevaw biss zewg eccezzjonijiet: l-ewwel wahda fis-sens illi Silvio Buttigieg ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur u l-ohra li *l-pretensjoni ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi* ***l-ammont pretiz minnu huwa eccessiv u m'huwiex dovut, izda huwa dovut ammont ferm inferjuri***[27]**.** Fid-dawl ta' tali eccezzjoni l-Qorti difficilment tista' temmen lill-konvenuti Abdilla u Chetcuti meta jichdu li inkarigaw lill-attur jesegwixxi x-xoghlijiet ta' alterazzjoni li taghhom jippretendi hlas in forza ta' dawn il-proceduri u li ghal kwalunkwe xoghol li seta' gie inkarigat jaghmel huwa thallas.

Il-Qorti ghalhekk tqis li l-konvenuti Abdilla u Chetcuti effettivament inkarigaw lill-attur jesegwixxi x-xoghlijiet ta' alterazzjoni li taghhom jitlob il-hlas bil-proceduri odjerni u li tali xoghlijiet ghandhom jithallsu minnhom.

Mill-provi prodotti mill-attur u senjatament mix-xhieda tieghu stess, jirrizulta li mis-somma komplessiva ta' Lm4,800, illum ekwivalenti ghal €11,180.99, minnu pretiza b'dawn il-proceduri, hija biss is-somma ta' Lm4,100, illum ekwivalenti ghal €9,550.43, li skontu hija dovuta mill-konvenuti. Ghalkemm il-konvenuti ressqu l-eccezzjoni li s-somma pretiza mill-attur hija eccessiva u li l-ammont minnhom dovut huwa ferm inqas minn dak pretiz minnu, l-istess konvenuti ma ressqux provi li l-ammont ta' Lm4,100 (€9,550.43) pretiz mill-attur minghandhom huwa eccessiv. L-attur da parte tieghu pprova b'mod sodisfacenti – u dana tramite d-dokument Dok. "JC" a fol. 45 tal-process u x-xhieda ta' Hank Catania[28] – li l-valur tax-xoghlijiet ta' alterazzjoni minnu esegwiti fuq inkarigu tal-konvenuti Abdilla u Checuti effettivament jammonta ghal Lm4,100 (€9,550.43) u li tali ammont ghadu lilu dovut sa' illum.

B'hekk it-talba ta' l-attur limitatament ghall-valur ta' Lm4,100, illum ekwivalenti ghal €9,550.43, kif diretta fil-konfront tal-konvenuti Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti hija gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi kkonfermata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-kovnenut Joe Zahra, tiddikjara li ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

---

[25] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2009, fol. 37 u 38 tal-process.
[26] Affidavit ta' Joe Zahra a fol. 48 u 49 tal-process.
[27] Risposta tal-konvenuti a fol. 10 tal-process. Enfasi tal-Qorti.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2009, fol. 37 u 38 tal-process.

2. Tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut Joe Zahra;
3. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Silvio Buttigieg, Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti u tiddikjara li l-konvenut Silvio Buttigieg ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
4. Tichad l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenuti Abdilla u Chetcuti; u konsegwentement
5. Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €9,550.43, ekwivalenti ghal Lm4,100, u tikkundanna lill-konvenuti Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti jhallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' €9,550.43, bl-imghax legali dekoribbli mis-16 ta' Mejju 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghal dawk pertinenti ghall-konvenuti Joe Zahra u Silvio Buttigieg, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Gejtu Abdilla u Charles Chetcuti, filwaqt illi l-ispejjez pertinenti ghall-konvenut Joe Zahra u Silvio Buttigieg ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**